**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum il-Hamis 26 ta` April 2018**

**Kawza Nru. 5**
**Rikors Gur. Nru. 108/17JZM**

**Redeno Apap (ID. Nru. 236280M)**

***kontra***

**Qormi Football Club**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta` Frar 2017 li jaqra hekk :–

***<u>DIKJARAZZJONI U RAGUNIJIET TAT-TALBA</u>***

*1. Illi l-attur kien il-President tal-Club konvenut bejn il-perjodu 13 ta` Awwissu, 2010 sat-30 ta` Lulju, 2015. Apparti minn hekk, huwa kien membru tal-Kumitat sa minn Gunju, 1998 u eventwalment spicca f`Jannar, 2016;*

*2. Illi tul dan iz-zmien l-attur kien ghadda sommom ingenti ta` flejjes lill-istess Club konvenut sabiex, fost ohrajn, ikunu jistghu jithallsu l-*

*pagi tal-players u dan peress li l-Club konvenut kellu diffikultajiet finanzjarji kif ghad ghandu fil-prezent;*

*3. Illi wara li spicca minn President tal-Club konvenut l-attur kien talab sabiex il-Club konvenut jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu mieghu u fil-fatt, fil-laqgha generali straordinarja tal-Club konvenut li saret fl-4 ta` Jannar 2016, kien "gie rikonuxxut mill-membri tal-klabb li Redeno Apap ghandu jiehu b`kollox minghand il-klabb is-somma ta` mija u sittax –il elf Euro". Dan ir-rikonoxximent da parti tal-Club konvenut sar bil-kitba fl-14 ta` Jannar, 2016 u gie ffirmat minn Jesmond Aquilina bhala President, minn Joseph Cardona bhala Segretarju minn Charles Frendo bhala Kaxxier tal-Club konvenut u mill-attur (ara **Dok. A**);*

*4. Da parti tieghu, l-attur kien iddikjara li din is-somma tinkludi kull somma li huwa kellhu jiehu minghand il-Club konvenut ghall-istaguni kollha li ghaddew sa l-istagun li spicca fl-2016;*

*5. Illi wara li spicca l-ahhar stagun, l-attur beda diskussjonijiet mal-Club konvenut dwar kif sejjer jigbor dan l-ammont minghand il-Club konvenut izda huwa baqa` bla risposta;*

*6. Illi fis-6 ta` Ottubru, 2016 huwa pprezenta ittra ufficjali bin-numru 3268/16 kontra l-Club konvenut fejn talbu sabiex fi zmien "hamest ijiem mil-lum tghaddu biex thallsu dan l-ammont" (ara **Dok. B**);*

*7. Illi sal-lum, l-attur baqa` bla risposta ghall-imsemmija ittra ufficjali.*

*8. Illi ghalhekk l-attur kien kostrett jibda dawn il-proceduri.*

***<u>TALBIET</u>***

*Jghid ghalhekk il-Club konvenut l-ghaliex ma ghandhiex l-Onorabbli Qorti, previa kull ordni u dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni jew mehtiega fic-cirkostanzi:*

*1. Tiddikjara lill-Club konvenut bhala debitur versu l-attur fl-ammont ta` mija u sittax–il elf Euro (€116,000);*

*2. Tikkundanna lill-Club imharrek ihallas lill-attur l-imsemmi ammont ta` mija u sittax–il elf Euro (€116,000);*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali numru 3268/16 u tal-mandat ta` sekwestru numru 100/17 kontra l-Club imharrek u bl-interessi bir-rata ta` 8% skond il-Ligi dekorribbli fuq l-ammont ta` mija u sittax –il elf Euro (€116,000) mid-data ta` l-ittra ufficjali u cioe` s-6 ta` Ottubru, 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess Club imharrek li minn issa huwa msejjah ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta gurmentata ta` Qormi Football Club pprezentata fit-8 ta` Marzu 2017 u li taqra hekk :-

*It-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dan ghar-ragunijiet li gejjin:*

*1. Fl-ewwel lok, "ir-rikonoxximent" li jsir riferenza ghalih mir-rikorrenti ma jiswiex, u dan peress li kif se jigi muri waqt is-smigh ta` dan ir-rikors guramentat, tali "rikonoxximent" sar biss frott irregolaritajiet u informazzjoni qarrieqa li rrizultaw lill-klabb intimat biss sussegwentament, tant fil-fatt illi l-istess gie mbaghad irtirat b`vot unanimu waqt laqgha generali straordinarja tal-Klabb intimat mizmuma ghal dan il-ghan (Dok "A");*

*2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-flejjes reklamati ma humiex dovuti;*

*3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti hija ghal kollox improponibbli, u dan stante l-fatt illi kemm–il darba r-rikorrenti verament ghogbu jivversa xi flejjes tul iz-zmien li fih kien President tal-Klabb intimat, huwa ghamel hekk b`mod ghal kollox volontarju, taht titolu ta` donazzjoni inkondizzjonata, u b`hekk, bla ebda pretensjoni u/jew dritt ta` radd tal-istess; inkella, jekk mhux hekk, minghajr id-debita approvazzjoni, kunsens, u/jew l-gharfien tal-Klabb intimat hekk kif jirrikjedu r-regoli tal-istess;*

*4.	Fir-raba` lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kull kaz, kemm–il darba r-rikorrenti jirnexxielu jipprova l-ezistenza ta` xi forma ta` kreditu fil-konfront tieghu, jehtieg juri wkoll illi kwalunkwe obbligazzjoni naxxenti mill-istess ma hijiex mghobbija b`kundizzjonijiet sospensivi u/jew li ma hijiex, f`dan l-istadju, wahda li ghadha ma ghalqitx;*

*5.	Fil-hames lok, it-talbiet rikorrenti huma mill-bqija nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet (fejn dovuti) kontra r-rikorrenti, u b`riserva li l-esponenti jressaq kull eccezzjoni ulterjuri illi jistghu ikunu awtorizzati iressqu skond il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` Jesmond Aquilina, il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-lum, il-Club konvenut ipprezenta nota (fol 143) li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-Club konvenut, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tikkundanna lill-Qormi Football Club sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta` mija u sittax–il elf Euro (€116,000);**

**Tikkundanna lill-Qormi Football Club sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali numru 3268/16 u tal-mandat ta` sekwestru numru 100/17 kontra l-Club konvenut u bl-interessi bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) skont il-Ligi dekorribbli fuq l-ammont ta` mija u sittax–il elf Euro (€116,000) mid-**

**data ta` l-ittra ufficjali u cioe` s-6 ta` Ottubru, 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess Qormi Football Club.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**